# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024.**

Kawza Numru: **6**

Rikors Numru**: 1739/2001/1 ISB**

**ABT Ltd., Alfred Gera & Sons Ltd., AMC Marketing Ltd., APA Import/Export, Albanozzo Co. Ltd., Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd., Anthony Caruana & Sons Limited, Anthony Farrugia Co. Ltd., Aluserv Limited, Aquatess Limited, Bankok Products Ltd., Benny Sciberras, Borg Cardona & Co. Ltd., Borg & Aquilina Limited, Brian Relton, British Import Co. Ltd., Cefai John, Charles Darmanin & Co. Ltd., Charles de Giorgio Ltd., Charles Grech & Co. Ltd., Communique Creative Ltd., Consolidated Biscuit Co. Ltd., Cosma & Simon Supplies Co. Ltd., Country Products Ltd., Customs Freight Agency Limited, Domino Ltd., Drop Chemicals Ltd., Elektra Limited, Emmanuel Delicata & Sons Ltd., Firm J.P. Caruana, Frozen Art Ltd., General Soft Drinks Co. Ltd., George Borg Barthet Ltd., Goodies Ltd., Industry Services Ltd., J & C Pisani Ltd., Jack Frost Frozen Foods Mfg Co. Ltd., John Borg, Joscar Ltd., Joseph Borg Ltd., KC Trading Ltd., Karta Converters Ltd., Kemimport Ltd., Law Quintano & Co. Ltd., Longbow Ltd., M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd., MB Sell System Ltd., Magnum Ltd., Mangion & Lightfoot Ltd., Meranti Ltd., Misco International Ltd., Nestle Products (Malta) Ltd., P. Cutajar & Co. Ltd., Paolo Bonnici Ltd., Paperline Ltd., Petrolea Ltd., Philip Toledo Limited, Portanier Brothers Ltd., Red October Ltd., Renald Baldacchino eżerċitanti l-kummerċ bħala Lorr Poll (Le Rose Pasta Distributors), Saviour Baldacchino, Simonds Farsons Cisk Group, Strand Palace Agencies**

**Ltd., Tancred V. Camilleri Ltd., Three Barrels Ltd., Trade Margin Ltd., Traplas Limited, UCIM Co. Group, United Equipment Co. Ltd., V & F Portelli & Sons Ltd., Victor Mifsud eżerċitanti l-kummerċ bħala Malta Honey, Vivian Corporation Ltd., Von Brockdorff Imports Ltd., V.J. Salamone (Trading) Ltd., V.J. Salamone (Consumer Lines) Ltd., Wands Limited; u b'digriet tas-6 ta' Novembru, 2001, l-HSBC Bank Malta plc ġie mħolli jintervjeni *in statu et terminis* fl-atti tar-rikors; u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2002 The Catering Centre Company Limited ġie mħolli jintervjeni *in statu et terminis* fl-atti tar-rikors**

**Vs**

**Price Club Holdings Limited (C22703) u Priceclub Operators Limited (C22704)**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Lulju 2002, li permezz tiegħu l-kumpanija **Price Club Operators Limited** kienet dikjarata xolta b'effett mill-1 ta' Novembru 2001, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta' stralċ, inklużi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mill-istralċjarju kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari mhejjija u ppreżentati minn żmien għal żmien;

Rat ir-Rikors mressaq mill-istralċjarju nhar it-30 ta' Awwissu, 2023;

Rat id-digriet provviżorju tagħha tal-25 ta' Settembru 2023;

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma appożita tad-9 ta' Ottubru 2023, minn fejn jirriżulta illi deher biss l-istralċjarju kif assistit u minn fejn jirriżulta illi l-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment finali.

Il-Qorti qed:

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-liġi;

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali;

Tqis li l-affarijiet tas-soċjetà huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex, filwaqt illi tilqa' t-talbiet mressqa mill-istralċjarju bir-rikors tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2023, tgħaddi biex:

1. **Tawtorizza** lill-istess stralċjarju Dr Andrew Borg Cardona sabiex jieħu l-ħlas lilu dovut kif indikat bħala riżervati fil-kontijiet esebiti in atti, kif mitlub.

2. **Tawtorizza** lill-istess stralċjarju Dr Andrew Borg Cardona sabiex jitrasferixxi l-ammont rimanenti, b'riżerva għal xi spejjeż kif mitlub, lill-Kummissarju għat-Taxxi, u dan għas-saldu.

3. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

5. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Price Club Operators Limited** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Price Club Operators Limited**.

7. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**